# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 27 ta' Ottubru 2016**

Rikors Guramentat Nru. 162 / 15RGM

Kawza fil-lista: 20

**A B**
**vs**
**C *sive* D E;**
**F G;**
**H I;**
**J E; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku u**
**permezz ta' digriet datat 30 ta' Settembru 2015 K B u L B gew kjamati fil-kawza**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi minn relazzjoni intima li omm ir-rikorrenti kellha mad-defunt Felic E twieldet l-esponenti rikorrenti;

2. Illi peress li r-rikorrenti twieldet waqt li ommha kienet legalment mizzewga, fuq ic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti gie indikat ir-ragel ta' omm l-esponenti u mhux il-missier propju ossia l-mejjet Felic E;

3. Illi ghalhekk waqt is-smigh u t-trattazzjoni tal-kawza ser jirrizulta li l-missier naturali u bijologiku tar-rikorrenti huwa l-imsemmi defunt Felic E;

4. Illi l-intimati jigu l-mara u ulied il-mejjet Felic E u gew inkluzi fil-kawza ghal kull interess li jista' jkollhom;

5. Illi r-rikorrenti ghandha interess li hija tigi registrata bhala l-wild naturali ta' Felic E u ghalhekk kellhom isiru dawn il-proceduri.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:-

1. Prevja kull dikjarazzjoni li dina l-Qorti thoss li ghandha taghti fic-cirkostanzi tordna li r-rizultati tat-testijiet xjentifiki huma dawk finali;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrenti hija l-wild naturali u bijologiku ta' Felic E;

3. Tiddikjara li Felic E huwa ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi l-missier naturali tar-rikorrenti;

4. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezjonijiet kollha mehtiega fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 3854 inkluz billi fl-istess Att jitnehhew il-kliem K B fil-kolonna ta' isem il-missier tat-tarbija u minflok jidhlu l-kliem 'Felic E';

5. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jippublika l-Att tat-Twelid iehor hekk kif korrett;

Bl-ispejjez u b'hekk il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti D E, F G u J E li taqra kif gej:-

1. Illi fl-ewwel lok, il-gudizzju mhux wiehed integru, u ghalhekk din il-procedura hija nulla, stante illi K B, u cioe ir-ragel ta' omm ir-rikorrenti li huwa ndikat bhala missier l-istess rikorrenti fuq ic-certifikat tat-twelid taghha enumerat 3854/86, mhux parti minn dawn il-proceduri;

2. Illi l-imsemmi K B huwa parti li ghandha interess guridku, u ghalhekk necessarjament irid ikun parti minn dawn l-istess proceduri, sabiex dawn ikunu legalment sostenibbli u enforzabbli fil-konfronti tieghu;

3. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimati F G, H I u J E mhumiex il-legittimi kontradittturi, u ghalhekk ghandhom jigu liberati minn l-osservanza tal-gudizzju;

4. Illi dan qed jinghad in vista tal-fatt illi l-istess intimati F G, H I u J E, mhumiex il-werrieta ta' missierhom Felix E, skont it-testment tal-istess fejn il-werrieta hija biss l-intimata D E;

5. Illi in ogni caso talbiet tar-rikorrenti, qatt ma jistghu, bi kwalunkwe mod li jkun, jigu legalment inforzati kontra l-intimati F G, H I u J E;

6. Illi ghalhekk huma m'ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' din l-istanza;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament l-esponenti tirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 1818 (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi in vena preliminari, l-esponenti teccepixxi li huwa indispensabbli ghall-beneficcju ta' l-integrita’ tal-gudizzju, li jigu kjamati fil-kawza omm irrikorrenti, L B, u missier ir-rikorrenti, K B, li huma mnizzlin fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti A B, bin-numru ta' registrazzjoni progressiv tlett elef, tmien mija, erbgha u hamsin (3854) tassena elf, disa' mija, sitta u tmenin (1986);

3. Illi fl-ewwel lok, l-esponenti jirrileva, li din l-azzjoni hi intempestiva, stante l-fatt li gjaladarba skorrew iktar minn sitt xhur mit-twelid r-rikorrenti A B, din l-azzjoni kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kap 15 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tal-imsemmija rikorrenti, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti ghal procediment tal-azzjoni odjerna;

4. Illi bla hsara ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti trid tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid taghha, ommha kellha relazzjoni extramaritali mad-defunt Felic E, u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' ukoll ikunu testijiet u provi genetici li jeskludu lir-ragel ta' omm ir-rikorrenti, K B, bhala l-missier naturali tar-rikorrenti, u dan ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha ta' l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tar-rikorrenti A B, ma

jaqbilx ma' l-att tat-twelid taghha bin-numru ta' registrazzioni progressiv tlett elef, tmien mija, erbgha u hamsin (3854) tas-sena elf, disa' mija, sitta u tmenin (1986);

6. Illi minghajr pregudizzju l-esponenti umilment tirrileva illi gjaladarba rrikorrenti A B twieldet fiz-zwieg u allura hemm il-presunzjoni mahluqa bil-ligi senjatament mill-Artikolu 67 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrenti ghandha fit-talbiet taghha lil din l-Onorabbli Qorti, titlob ukoll li r-ragel ta' omm ir-rikorrenti, ossia K B jigi ddikjarat li mhuwiex il-missier naturali tal-istess rikorrenti;

7. Illi in kwantu ghall-hames talba tar-rikors in risposta, l-esponenti tirrileva illi gjaladarba hemm Att tat-Twelid ippubblikat, qatt ma jista' jigi ppubblikat Att tat-Twelid gdid, izda jekk din l-Onorabbli Qorti tordna li r-rikorrenti tigi kkunsidrata bhala l-wild naturali u bijologiku tad-defunt Felic E, ghandha tordna l-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid li jsir permezz ta' annotazzjoni fuq l-istess Att tat-Twelid.

8. Illi minghajr hsara ghas-suespost, l-esponenti naturalment mhijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni dwar il-paternita' tar-rikorrenti A B hija tirrimetti ruhha ghar-risultanzi istruttorji u ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

9. Illi ghalkemm ir-rikorrenti pprezentat r-rapport ta' testijiet genetici ai termini tal- Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jindika li l-missier naturali tar-rikorrenti A B huwa d-defunt Felic E, dan l-imsemmi rapport jonqos li jigi mahluf mit-tekninku Dr. Marisa Cassar.

10. Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, 1-esponenti tistieden lil konvenuti eredi ta' Felic E sabiex jipprezentaw d-dettalji personali kollha tad-defunt Felic E, permezz ta' nota li tispecifika senjatament (1) in-numru tal-karta tal-identita li huwa kellu, (2) ismu u kunjomu, (3) l-eta tieghu meta twieldet ir-rikorrenti A B, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija rikorrenti, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet ir-rikorrenti. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-fuq riferita A B, bin-numru ta' registrazzjoni progressiv tlett elef, tmien mija, erbgha u hamsin (3854) tas-sena elf, disa' mija, sitta u tmenin (7986);

11. Illi bla pregudizzju ghal premess, f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti tirrileva illi r-rikorrenti ghandha tiddeciedi b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi a tenur tal-Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

12. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna li jigu mnehhija l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem K B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid tar-rikorrenti bin-numru ta' registrazzjoni progressiv tlett elef, tmien mija, erbgha u hamsin (385a) tas-sena elf, disa' mija, sitta u tmenin (1986);

13. Illi bla pregudizzju ghai premess, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponenti u kwindi hija m'ghandiex tigi assoggettata ghall-ispeiiez tal-kawza istanti;

14. Salv eceezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat id-digriet moghti fit-30 ta’ Settembru 2015 fejn il-Qrti ordnat il-kjamat in kawza ta’ K B u L B; fl-istess seduta l-Avukat Dottor Stephanie E ghad-Direttur tar-Registru Pubbliku rtirat t-tielet, ir-raba’ u l-hames eccezzjonijiet;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-3 ta’ Dicembru 2015 fejn l-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat l-affidavit ta’ L B u ta’ A B annessi ma’ nota ppresentata fit-3 ta’ Dicembru 2015;

Rat id-digriet tas-17 ta’ Marzu 2016, li bih gie ordnat l-isfilz tal-affidavit ta’ K B;

Rat l-affidavit ta’ C sive D E, ta’ F G, ta’ J E u ta’ H I annessi ma’ nota ppresentata fl-4 ta’ Frar 2016;

Rat ix-xhieda ta’ Dottor Marisa Cassar li xehedet fis-seduta tat-28 ta’ Gunju 2016, meta l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**IL-PROVI.**

L-attrici, **A B**, fl-affidavit taghha mahluf fis-27 ta’ Novembru 2015, Fol 33, iddikjarat li meta kellha xi 13 il-sena, ommha L B kienet qaltilha li Felix E kien il-vera missierha, ghalkemm hi dejjem kienet taf lil K B bhala missierha. Hi dejjem

kienet tghix ma' K B li mantniha u halsilha ghall-bzonnijiet kollha taghha tul hajjietha.

Hi tghid li lil Felix kienet tarah qisu missierha billi spiss kienet tkun mieghu u kien jistmha hafna. Tiftakar okkazjoni partikolari meta kellha xi 8 snin, Felix kien mar ghaliha ghand ommha u hadha ghand ommu, fejn kienu ferhu biha u trattawha bhala wahda ta' gewwa. Il-genituri ta' Felix kienu tawha pupa, li ghadha ghandha sallum. Meta bdiet tikber kienet tiltaqa' ma' Felix aktar spiss u dan baqa' icempillha u jiltaqghu anke meta hu ma baqgax jiffrekwenta lil ommha.

Meta miet Felix hi u ommha marru l-funeral tieghu. Billi ommha dejjem kienet tghidilha li Felix kien missierha, hi riedet tkun taf il-verita' u ghalhekk ghamlet id-DNA Test u rrizulta li hi vera t-tifla ta' Felix E.

**L B,** omm l-attrici, fl-affidavit taghha mahluf fis-27 ta' Novembru 2015, Fol 31, ddikjarat li meta hi kienet gja' mizzewga kellha relazzjoni mal-mejjet Felix E, kienet harget tqila u kellha lil A B. Billi hi kienet mizzewga A giet registrata bhala bint zewgha, K B, li dak iz-zmien ma kienx jaf li martu kellha relazzjoni ma' Felix E. Dan ukoll ma riedx li A tkun registrata fuq ismu billi hu ukoll kien mizzewweg u ma riedx li martu tkun taf. Xi sena qabel it-tifel l-kbir taghha, Malcolm kien qal lil K biex jmur jaghmel DNA Test billi A ma kinitx bintu.

Hi ddikjarat li lil A kienet qaltilha li Felix kien il-missier naturali taghha u wara li ghadda certu zmien anke lir-ragel taghha qaltlu li kellha relazzjoni ma' Felix.

**C sive D E**, mart il-mejjet Felix E, fl-affidavit taghha, Fol 35, ddikjarat li hi qatt ma kienet taf li zewgha Felix kellu relazzjoni ma' L B u li sahansitra kellhom zewgt itfal, wahda mietet meta kienet ghadha zghira u l-ohra hija A B. Hi tghid li ghalkemm qatt ma kienet tara rispett minn zewgha, qatt ma hasbet hazin fih. Wara l-funeral ta' zewgha Felix, bintha z-zghira H qaltilha biex tmur id-dar taghha u dakinhar qaltilha kull ma kienet taf u kien dakinhar li hi saret taf bil-verita' kollha.

Hi ddikjarat li omm A, cioe' L, prezentement qed tghid li r-ragel taghha K B ilu sena jaf li A mhiex bintu, pero' maghha u ma' uliedha kienet tinsisti biex lil zewgha ma jdahhluhx fil-kwistjoni, ma jsemmu xejn dwar ir-relazzjoni li kellha ma' Felix u li A kienet bintu u dan biex il-familja taghha ma jinfirdux.

Ix-xhud ikkonfermat li wara li sar id-DNA Test u rrizulta li A kienet bint Felix, hi kienet ipprovat tasal ghall-arrangjament barra il-Qorti, pero' ma ftehmux billi A riedet sehemha mill-legittima ta' uliedha. Hi ikkonkludiet l-affidavit taghha billi kkonfermat li ghalkemm hi ppruvat tasal fi ftiehem u thallasha sehemha din hebbet ghaliha fl-ewwel laqgha li kellhom ghand l-avukata taghha.

**F G,** bint l-istess C E u l-mejjet Felix E, fl-affidavit taghha, Fol 36, iddikjarat li ma kinitx taf li missierha kellu relazzjoni ma' mara ohra waqt li kien mizzewweg ma' ommha, u li kellu it-tfal minn din ir-relazzjoni. Dan kollu li qed jigi allegat fil-kawza hu kollu gdid ghaliha billi beda jinghad wara l-mewt ta' missierha Felix. Hi kkonfermat li fil-passat kienet semghet b'certi ghajdut ta' xi relazzjoni extra-matrimonjali ta' missierha, pero' hi ma kinitx temmen kull ma tisma' minghand in-nies. Tiftakar, pero' li meta bdiet tisma' b'dawn l-ghajdut kienet infumat lil ohtha H pero' lanqas hi ma kienet taf x'kienet il-verita'.

Ix-xhud tghid li kemm hi kif ukoll hutha ippruvaw jghinu lil ommha u lil A jaslu biex jiftehmu barra il-Qorti, pero' A qatt ma riedet. L-ewwel darba li ltaqghu ghand l-avukati A hebbhet ghal ommha u spiccaw l-Ghassa.

**J E,** bin C u l-mejjet Felix E, fl-affidavit tieghu, Fol 37, ddikjara li meta kien ghadu tifel zghir, missieru Felix kien jiehdu il-Furjana, dak iz-zmien hu ma kien jissuspetta xejn, illum li kiber jirrealizza li missieru kien qed jiltaqa' ma' mara ohra u lilu kien jiehdu mieghu, biex jidher li ma kien qed jaghmel xejn hazin. Hu jghid li qatt ma kien jitkellem xejn ma' hadd ghax kien jibza' hafna minn missieru li kien bniedem ta' dixxiplina kbira. Jghid ukoll li meta kiber qatt ma' ried isemmi xejn ghax ma riedx jgelled lil ommu u missieru u tinfired il-familja. Anke wara l-mewt ta' missieru baqa' qatt ma semma' xejn lil ommu ghax ma riedx jweggaghha. Pero' dwar A jiddikjara li ma kienx jaf u sar jaf biss wara l-mewt ta' missieru meta ommu rceviet karta minn ghandha.

Jghid li ommu dejjem kienet mara sewwa, ma kinitx tohrog mid-dar u qatt ma kienet tobsor li ser tigi ttraduta minn mara ohra. Ommu dejjem hadet hsiebu u lil hutu F u H u meta kienet tohrog kienet tiehu it-tfal maghha. Ikkonferma li hu u hutu ppruvaw jghinu lil ommhom biex tasal fi ftiehem ma' A barra l-Qorti, bl-ghajnuna tal-avukati u dan billi ommu thallasha somma, skont kif ikkalkula n-Nutar ta' ommu izda A ma accettax ghax ipprettendiet aktar flus.

**H I,** bint C u l-mejjet Felix E, fl-affidavit taghha, Fol 38, iddikjarat li fis-sena 2010 ohtha F kienet qaltilha li semghet minn nies li missierhom Felix kellu relazzjoni ma' mara ohra u minn din il-mara kellu zewgt itfal. Wara li semghet b'dan cemplet lil missierha u qaltlu li riedet tkun taf b'kollox, minn kienet din il-mara u min kienu it-tfal. Hu kien qalilha li fil-passat f'hajtu kien jhawwad, pero' qalilha li ma kellhiex ghalfejn tkun taf min huma. Hi tghid li missierha kien deher iddispjacut u hi ppruvat tifhmu.

Wara xi jumejn cemplilha u hadha kontriha ghax ma basarx li kienet ser tikkonfrontah. Hi ddispjaciha li missierha kellimha b'dak il-mod u ddeciediet li ma tkellmux izjed u ma' tmurx aktar ghand il-genituri taghha. Hi ma xtaqitx taqla'

l-inkwiet fil-familja billi missierha kien marid. Iddecidiet li lil ommha C ma tghidilha xejn, ghalkemm kull jum precett xtaqhet tghidilha b'dak li kien gara.

Wara l-funeral ta' missierha ommha marret ghandha u dakinhar ddecidiet li tghidilha l-istorja kollha ghalkemm hutha F u J ma kienux qablu maghha dwar dan. Qabel ma sar id-DNA Test huma ma kienux jafu li A B kienet ohthom (mill-istess missier).

Hi kkonfermat li huma ppruvaw jaslu fi ftiehem barra il-Qorti billi ommha thallas lil A somma flus skont kif kien qalilhom in-Nutar izda A ma riditx tiftiehem u dejjem kienet taqla' xi kwistjoni gdida. Fil-fatt l-ewwel darba li ltaqghu ghand l-Avukati, A hebbhet ghall-ommha u spiccaw l-Ghassa.

**It-Tabiba Dottor Marisa Cassar,** xehdet fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2016 fejn ikkonfermat li kienet l-awtrici tar-rapport tad-DNA numru PT 1400936. Dan hu rapport maghmul wara li gew prelevati kampjunti minn fuq l-ahwa u mhux ukoll minn fuq l-allegat missier. Dr. Cassar spjegat illi "…..r-rizultat kien …… bhala probabilita' kienet pozittiva imma kien rizultat wisq baxx biex jigi kkonfermat." Dan ir-rapport ghandu d-data tat-23 ta' Jannar 2014 (fol. 6 tal-process). Jikkonkludi hekk "Due to the law CRI obtained, it is recommended that the mothers of A B and F G/H I submit a sample for confirmation of the above relationship". Dak ir-rapport kien sar fuq kampjunti elevati biss minn fuq F G, H I u A B u dan f'Novembru 2014.

Kien ghalhekk illi f'Mejju tas-sena 2015 gew elevati kampjuni minn fuq C E u cioe' l-armla tal-mejjet Felix E u omm F G, H I u J E u minn fuq L B, omm l-attrici A B.

B'dawn il-kampjunti godda Dr Marisa Cassar regghat ghamlet it-test tad-DNA u waslet ghall-konkluzzjoni illi hemm probabilita' kbira li l-mejjet Felix E huwa l-missier bijologiku tal-attrici A B.

Fix-xhieda taghha Dr Cassar tghid illi " Bhala conclusion, when taking into consideration the known relationships the data indicates that A B is not excluded from having the same father as H I and F G".

L-attrici, b'nota pprezentata fil-11 ta' Lulju 2016, talbet li fl-eventwalita' li t-talbiet taghha jigu milqugha kunjomha jibqa' 'B'.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

L-attrici qed tipprocedi b'din il-kawza biex jigi dikjarat u deciz li hi bint naturali tal-mejjet Felic E u mhux bint ir-ragel ta' ommha K B. Billi meta twieldet l-

attrici, ommha kienet mizzewga lil K B, hemm il-presunzjoni legali ai termini tal-**Artikolu 67 tal-Kap 16** li jghid:

“ L-iben mnissel matul iz-zwieg  jitqies li hu bin zewg ommu.”

L-attrici ghalhekk qed titlob li jsiru l-annotazzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelied taghha, billi l-informazzjoni fih indikata dwar missierha ma jirrispekjawx il-verita’.

Skont l-**Artikolu 83 tal-Kap 16:**

“ Il-prova kuntrarja tista’ issir b’xhieda li turi li min jitlob l-istat mhux bin il-mara illi hu jghid li hija ommu, imkella, meta hija ippruvata il-maternita’, illi hu mhux bin zewg ommu”.

Skont l-**Artikolu 84 tal-Kap 16**:
“ M’hemmx prekrizzjoni ghal tifel biex jistabbilixxi l-filjazzjoni propja tieghu”.

Mill-provi rrizulta, partikolarment mid-DNA Tests, kif ikkonfermat mit-Tabiba Dottor Marisa Cassar li l-attrici hi l-bint naturali ta’ Felic E, u mhux tar-ragel ta’ ommha K B. In oltre, ir-relazzjoni extra matrimonjali ta’ ommha L B ma’ Felic E tirrizulta abbondantement mill-provi.

L B ikkonfermat din ir-relazzjoni, kif ukoll il-fatt li l-attrici twieldet minn din ir-relazzjoni, Fol 31; l-attrici, Fol 33, kkonfermat li ommha L B kienet qaltilha meta kellha xi tlettax il-sena, u li hi baqghet tiltaqa’ ma’ Felic E anke meta dan ma baqghax jiffrekwenta lil ommha; C sive D E, l-armla ta’ Felic E, Fol 35, iddikjarat li saret taf li l-attrici kienet bint naturali ta’ zewgha Felic E, wara li sar id-DNA Test; F G, Fol 36, bint C E u Felic E ikkonfermat li fil-passat kienet semghet b’xi ghajdut li missierha kellu relazzjoni extra matrimonjali; huwha, J E, Fol 37, ikkonferma li meta kien ghadu tifel missieru kien jiehdu mieghu il-Furjana, u illum li kiber irrealizza li missieru kien jmur hemm billi kien qed jiltaqa’ ma’ mara ohra; ohtu H I, Fol 38, ikkonfermat li meta saret taf bl-istorja ta’ missierha minn ghand ohtha, F, fit-2010, kienet kellmet lill-missierha li ammetta maghha li fil-passat kien hawwad f’hajtu u qalilha ukoll li hi ma kellhiex ghalfejn tkun taf aktar. Ikkonfermat ukoll li qabel sar id-DNA Test la hi u lanqas hutha ma kienu jafu li A B kienet bint missierhom.

Jirrizulta ghalhekk ippruvat abbundantement li l-attrici A B hi bint Felic E, illum mejjet u mhux bint K B li jidher fuq l-att tat-twelid taghha u li fiz-zmien li twieldet kien ir-ragel ta’ ommha.

Stabbilit illi l-attrici hija effettivament bint il-mejjet jehtieg issa jigu trattati l-eccezzjonijiet imressqa mill-konvenuti.

Fir-risposta guramentata taghhom il-konvenuti ahwa E eccepew (1) li l-gudizzju mhux integru peress li missier ommhom ma giex citat f'din il-kawza. Tali eccezzjoni giet sorvolata bil-kjamat in kawza ta' K B b'digriet tat-30 ta' Settembru 2015; (2) li huma ma humiex il-legittimi kontraditturi peress li ma humiex il-werrieta ta' missierhom Felix E. Din l-eccezzjoni ma gietx sorretta minn provi u ghalhekk ma tirrizultax li giet sostanzjata. Fi kwalunkwe kaz, anke kieku gie ppruvat li missierhom ezkludihom minn werrietha tieghu xorta wahda jibqa' id-dritt residwu tal-porzjon rizervat. Ghalhekk tali eccezzjoni mhiex fondata u l-Qorti tiddikjara lill-konvenuti ahwa E bhala legittimikontradditturi. Stabbilit li l-konvenuti ahwa E huma legittimi kontradditturi ma hux mehtieg li tigi mistharrga wkoll il-hames eccezzjoni taghhom. Is-sitt eccezzjoni taghhom tirrigwarda l-kap tal-ispejjez li ser jigi trattat aktar 'l isfel.

Min-naha tieghu il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ressaq diversi eccezzjonijiet. Fl-udjenza tat-30 ta' Settembru 2015 id-Direttur irtira t-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjoni tieghu. It-tieni eccezzjoni tieghu giet sorvolata bil-kjamat inkawza ta' K B u ta' L B. L-ewwel eccezzjoni hija ezawrita in kwantu giet prezentata r-risposta guramentata tieghu fit-terminu. Mill-kumplament tal-eccezzjonijiet is-seba' eccezzjoni tehtieg li tigi trattata separatament in kwantu qed jigi eccepit illi minhabba li l-attrici twieldet matul iz-zwieg ta' ommha, l-kjamata in kawza L B u zewgha K B, jehtieg li jkun hemm dikjarazzjoni gudizzjarja illi K B ma hux missier l-attrici. Fil-fehma tal-Qorti tali eccezzjoni hi fondata u ser tigi riflessa fid-decide tas-sentenza odjerna.

Fil-fehma tal-Qorti ma hemm l-ebda ostakolu legali ghaliex it-talbiet attrici m'ghandhomx jigu akkolti in kwantu llum il-gudizzju hu integru u gie ppruvat sodisfacentement li l-attrici hija l-bint naturali tal-mejjet Felix E.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tiddisponi mir-risposti guramentati tal-konvenuti bil-mod kif fuq deciz,

1. Tiddikjara li l-attrici A B hija l-wild naturali u biologika tal-mejjet Felic E, missier il-konvenuti ahwa E u r-ragel tal-konvenuta C E u mhux tal-kjamat in kawza K B.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-annotazzjonijiet kollha mehtiega fl-Att tat-Twelied bin-numru ta' iskrizzjoni 3854 inklus billi fl-istess Att, fil-kolonna intestata isem il-missier tat-tarbija jkun

kancellat isem ‘K B’ u inserit l-isem “Felic E” bil-konnotati tieghu  filwaqt li tigi kancelleta l-kelma ‘the said’.   Il-Qorti taghti lill-attrici xahar zmien millum sabiex tipprezenta nota guramentata bil-konnotati rikjesti f’paragrafu ghaxra (10) tar-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghandha a kura u spejjez tal-attrici tigi notifikata lill-istess Direttur tar-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez tad-Direttur konvenut jithallsu mill-attrici filwaqt li l-kumplament tal-partijiet, kull parti thallas l-ispejjez taghha.

**Imhallef** **Deputat Registratur**